**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 17 ta' Mejju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**JOSEPH SCHEMBRI**

Kump Nru. 583/2012

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Joseph Schembri,** bin Michael u Frances xebba Grima imwieled is-Siggiewi fl-20/02/1953 u joqghod 40, Triq il-Hnejja, Sliema jew 1, Triq Kordin, Paola, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 203953(M)**,** gie akkuzat talli fl-01/03/2011, ghall-habta tad-09:30hrs fi Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, waqt li kont qed issuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAK726;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjart lil Yoana Lenkova Georgieva u ikkagunajtilha griehi ta' natura gravi (korrezzjoni awtorizzata fis-seduta ta` l-20/10/2015).

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Fil-qosor, dan il-kaz jidher li gara meta fid-data, lok u hin in kwistjoni, Yoana Lenkova Georgieva kienet qed taqsam it-triq, u f’daqqa wahda indunat li waqala xi haga; hija nizlet biex tigborha u regghet lura, bil-konsegwenza li ntlaqtet mill-vettura misjuqa mill-imputat, minkejja li huwa pprova jevitaha.

Din il-verzjoni tal-fatti hija wahda stabbilita mhux biss mill-imputat u Yoana Lenkova Georgieva innifisha, meta dawn qalu l-verzjoni taghhom lill-pulizija waqt l-investigazzjoni, izda stabbilita wkoll minn xhieda ohra okulari w indipendenti li inzertaw kienu fuq il-post filwaqt ta` l-incident.

Il-Qorti qieset l-atti processwali kollha, fosthom izda mhux biss, l-affidavit ta` WPS254, il-PIRS report 9/V/842/2011, ic-certifikat mediku mahrug mit-Tabib Josef Mifsud u l-affidavit tieghu (dawn iz-zewg dokumenti jitkellmu dwar feriti hfief), u ic-certifikat mediku mahrug mill-konsulent Mr. Alec Sultana u d-depozizzjoni tieghu (hawnhekk qed jigi stabbilit li l-ferita kienet wahda gravi).

Indipendentement, f’dan l-istadju, minn natura tal-ferita principali sofferta minn Yoana Lenkova Georgieva, il-Qorti l-ewwel trid tistabbilixxi jekk l-imputat ghandux jinzamm responsabbli ghall-incident mertu ta` din il-kawza, u dana trid taghmlu wara analizi tal-provi migjuba.

Il-Qorti tippuntwalizza illi l-prosekuzzjoni ma setghetx tressaq bhala xhud lill-istess Yoana Lenkova Georgieva, u dana peress illi din kienet halliet Malta. Gara wkoll illi hija (ara l-verbal tas-seduta ta` llum stess) iddikjarat, tramite l-avukat taghha, illi hija ma kellha ebda interess f’dawn il-proceduri.

Indipendentement mill-fatt li x-xhud principali Yoana Lenkova Georgieva ma xheditx f’dawn il-proceduri u indipendentement mill-fatt li hija ma kellha ebda interess aktar

f’dawn il-proceduri, il-Qorti analizzat il-verzjoni ta` terzi li raw l-incident u li taw il-verzjoni taghhom lill-pulizija minuti wara l-incident. Minn dak kollu li rrizulta, din il-Qorti hi tal-fehema illi effettivament, kienet il-manuvra stramba u immedjata li ghamlet Yoana Lenkova Georgieva, meta waqt li qed taqsam it-triq, waqfet f’daqqa biex tigbor xi haga u regghet lura, li kienet il-kawza ta` dan l-incident. Kienet hi li holqot sitwazzjoni immedjata u perikolanti ghaliha, u inevitabbli ghall-imputat. Mill-provi migjuba ma hemm xejn li jipponta lejn ir-responsabbilta` ta` l-imputat ghal dan l-incident.

Fid-dawl tar-rizultanzi processwali, din il-Qorti hi tal-fehema illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-kaz taghha skond il-ligi kontra l-imputat.

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONI MIGJUBA KONTRA TIEGHU U MINNHA TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur